– CONFESSIO EST REGINA PROBATIONUM –
– PROBATIO PROBATISSIMA –
– CONFESSIO FACTA IN JUDICIO OMNI PROBATIONE MAJOR EST –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Gunju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **525 / 2017**

**GOLLCHER AIR EXPRESS LIMITED**
[REG. NRU. C-25837]

***VERSUS***

**GHOLAMREZA DARGAHI SHAFA**
[K.I. NRU. 196602L]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-16 ta' Novembru, 2017 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800.00c)[1] li jirrispekkja provvista ta' servizzi rezi mill-attrici lill-konvenut, inkluz spejjez sborsati u inkorsi mill-istess attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, kif ukoll l-imghaxxijiet legali mill-21 ta' Frar, 2017 sad-data tal-pagament effettiv u finali.

Ra r-Risposta tal-konvenut datata 12 ta' Marzu, 2017 permezz ta' liem irrezista ghall-istanza attrici billi sostna li l-ammont reklamat mill-attrici huwa ferm oghla mill-istima li inghatat lilu originarjament (liema stima konducietu jinkariga lill-attrici biex tipprestalu s-servizzi). Sostna wkoll illi fi kwalsiasi kaz l-ammont mitlub huwa ezagerat meta kontrappost ghas-servizzi li kellhom jigu lilu rezi mill-attrici. Ghalhekk, skond il-konvenut, it-talba attrici ma kienetx meritevoli t'akkoljiment peress li kienet infondata fattwalment u legalment.

[1] Fattura numru 018863 (mhux ezebita in atti izda solament imsemmija fl-ewwel premessa ta' l-att promotur *a fol.* 2).

Wara li l-prodediment giet stradat ghal dak li jikkoncerna provi (fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2018), fil-mori tal-procediment (senjatament fl-udjenza tal-Hamis, 10 ta' Mejju, 2018), il-konvenut deher u minn rajh irregistra ammissjoni inkondizzjonata tat-talba attrici. Fil-verbal relattiv hemm registrat hekk: "*Deher il-Konvenut illi bil-gurament tieghu ikkonferma ili hu debitur tas-Socjetà Attrici fl-ammont ta' EUR1,800 (l-ammont mitlub f' dawn il-proceduri) u kkonferma ukoll illi ser iwettaq il-hlas lill-istess Attrici f'pagamenti mensili. Tali ammissjoni tkopri ukoll l-aspett tal-imghaxijiet u l-aspett tal-ispejjes gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri.*" (ara *a fol*. 16). Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-llum wara li, "*Id-difensuri jaqblu illi tinghata sentenza fid-dawl ta' tali ammissjoni*." (*ibid*.).

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

In vista' ta' l-ammissjoni tal-konvenut, registrata solennement u formalment fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018, dan it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara lill-istess konvenut bhala debitur ta' l-attrici u, bhala korollarju naturali, li l-konvenut huwa tenut ihallas lill-attrici l-ammont mitlub ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800.00c). Tali ammissjoni saret bla ebda kundizzjoni u, allura, tattira wkoll l-obbligu fuq il-konvenut li jindennizza lill-attrici l-ispejjez gudizzjarji minnha mitluba f'dawn il-proceduri, inkluz il-hlas ta' l-interessi fuq l-ammont ta' sorte mid-data specifikata fl-att promotur (i.e., mill-21 ta' Frar, 2017).

Hu principju antik illi "confessio est regina probationum"[2], cioè li l-ammissjoni hija l-aqwa forma t'evidenza li parti tista' tressaq ("probatio probatissima"[3]). Addizzjonalment, l-ammissjoni (jew konfessjoni) da parti tal-konvenut f'dan il-kaz ma kienetx wahda li rrizultat minn xi dokument jew minn xi inferenza li wiehed jista' jestraji mill-provi migjuba mill-parti attrici, izda kienet wahda sottomessa u moghtija personalment mill-konvenut, b'mod volontarju, registrata formalment u bil-gurament waqt udjenza ta' dan it-Tribunal, bl-adezjoni implicita tad-difensur tal-konvenut. Ghalhekk, hekk kif tghid il-massima Latina, "confessio facta in judicio omni probatione major est",[4] li tfisser illi ammissjoni maghmula fi procediment gudizzjarju (jew formalment waqt xi proceduri ohra ta' indole gudizzjarja) ghandha aktar forza u qawwa minn kwalsiasi evidenza ohra. Infatti, nsibu ritenut illi, "*Se resa in giudizio essa vincola il giudice, il quale dovrà ritenere raggiunta la prova in ordine alla*

[2] Dwar dan il-principju ara, *inter alia*, **Carmelo Bonnici noe v. Ronald Farrugia et** (Appell Superjuri, 26 ta' Ottubru, 1970; mhux pubblikata); **Massimo Vella v. V. Petroni (Imports) Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta' Novembru, 2007); **Galscer & Bilom Ltd v. Anthony Azzopardi** (Appell Inferjuri, 22 ta' Mejju, 2009); u **APS Bank Ltd v. Francis Xavier Micallef** (Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2010).
[3] Dwar dan ara "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine" (Hoepli 1993) ta' **Umberto Albanese**, f'pagna 295. Ara wkoll "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011), f'pagna 260 fejn hemm maghdud, *inter alia*, li, "*Con il termine probatio probatissima si è soliti fare riferimento alla confessione che è il mezzo probatorio per eccellenza*."
[4] Dwar dan ara "Trayner's Latin Maxims" (Sweet & Maxwell, 4th edition, 1993) pagni 92–93.

*veradicità dei fatti ammessi, traendone ogni conseguenza in sede di decisione della causa*."[5]

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motiv fuq imfisser, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jiddikjara li l-konvenut hu debitur ta' l-attrici fl-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800.00c), bl-imghax fuq tali ammont dekorribbli mid-data tal-21 ta' Frar, 2017 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez tal-prezenti proceduri jkunu a karigu ta' l-istess konvenut.

***ft.*** **Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft.*** **Adrian Pace**
*Deputat Registratur*

---

[5] Ara "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011) pagna 67.